# EGHLUQ IL-50 SENA MILL-MEWT TAS-SURMAST KARLU DIACONO

Il-15 ta' Gunju, jahbat eghluq il-50 sena mill-mewt tas-surmast Karlu Diacono li dam ghal hafna snin "maestro di cappella" tal-Knisja parrokkjali taz-Zejtun.

Karlu twieled u ghal zmien twil ghex, fid-dar li fuqha jidher il-bust tieghu f'Misrah Gregorju Bonnici, hawn iz-Zejtun. Ta' ghaxar snin hareg idoqq il-kwartin mal-banda Beland li dak iz-zmien kienet taht id-direzzjoni ta' missieru. Hu kompla jistudja l-muzika taht is-surmast maghruf Paolino Vassallo, u ma damx ma sar l-id il-leminija ta' l-istess surmast tieghu. Meta il-kumitat tal-banda Beland hatar lil Karlu bhala surmast, Dun Lawrenz Degabriele, Arcipriet taz-Zejtun, hatru wkoll organista tal-Knisja Parrokkjali. Wara l-mewt tas-surmast Vassallo, Karlu gie maghzul "maestro di cappella" tal-Katidral minghajr ma kien ikkonkorra.

Bid-dispozizzjonijiet tal-Papa Piju X fl-1910 dwar il-muzika fil -knejjes infethet triq wiesgha ghal Diacono f'dan il-kamp. Ma tinghadx il-muzika religjuza li kkompona. Bizzejjed insemmu li halla 45 Quddiesa di Glorja, 22 Quddiesa di Requiem, u ghad bla qies ta' Tantum Ergo u Innijiet lill-Madonna. Dan barra numru kbir ta' kompozizzjonijiet ohra. Sadanittant kien gie mahtur wkoll "maestro di cappella" fil-kolleggjati u parrocci principali ta' Malta fosthom ; Bormla; l-Isla; il-Birgu; Haz-Zabbar; u tant ohrajn. Jispikkaw fost il-muzika religjuza tieghu, l-Oratorji "Nawfragju ta' San Pawl"; "Sant' Antnin" u "Frate Sole".

Diacono ikkompona wkoll opra lirika, "L'Alpina", li dehret l-ewwel darba fit-Teatru Rjal ta' Malta fl-1918. Regget giet ipprezentata wara l-gwerra fir-Radio City Opera House, l-Hamrun. Fil-Gublew tal-Fidda tar-Re Gorg V, il-kumitat organizzattiv fdalu f' idejh it-tregija tal-baned kollha ta' Malta, li flimkien daqqew il-"God Save".

Fiz-Zejtun, rahal twelidu, ghandna tezor ta' kompozizzjonijiet muzikali tieghu, u hafna minn din il-muzika tigi apprezzata ferm fil-jiem tal-Festa ta' Santa Katarina, kemm gewwa l-knisja parrokkjali, u kemm fuq il-pjancieri tal-baned. Sewwa kiteb dwaru l-poeta nazzjonali Malti, Dun Karm Psaila, sena wara mewtu:

**"Il-mewt hatfitek, ilu sena; sieket**
**Go qabar ckejken qieghed issa, u l-ebda**
**Kelma ta' mhabba minn din naghsa tqila**
**ma tista' tqajmek;**
**Dawk in-noti helwin li tnisslu minnek**
**Hawn ghadhom jizfnu fuq il-qabar tieghek**
**Kif jaghmlu dawk ta' l-omm fuq il-benniena**
**ta' tfajjel rieqed".**



**Nhar it-Tlieta 23 ta' Gunju fis-6.30 p.m. se ssir quddiesa ghal ruh Karlu Diacono fil-Knisja Parrokkjali taz-Zejtun.**